MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 129/2022 LM

**Jesmond Micallef (K.I. 18567M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Air X Charter Limited (C 59616)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Jesmond Micallef (K.I. 18567M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tas-6 ta' Ottubru, 2022, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li f'dan il-każ ma kienx hemm tkeċċija mill-impjieg mas-soċjetà intimata **Air X Charter Limited (C 59616)** [hawnhekk 'is-soċjetà

appellata'], u li għalhekk ma kienx ser jieħu konjizzjoni aktar ta' din il-kwistjoni ta' xogħol għaliex il-ġurisdizzjoni tiegħu ġiet eżawrita.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat bħala *Senior Technical Services Engineer* fuq bażi *full-time* għal żmien indefinit mas-soċjetà intimata, liema kumpannija topera fil-qasam tal-avjazzjoni, permezz ta' kuntratt ta' impjieg datat it-30 ta' Lulju, 2018, u dan b'salarju gross ta' €22,000 fis-sena, oltre l-*bonuses* spettanti lilu skont il-liġi. Eventwalment il-kariga tar-rikorrent inbidlet għal dik ta' *CAMO Technical Services Engineer,* u wara dan it-tibdil fir-rwol tiegħu mas-soċjetà intimata, ir-rikorrent beda jirċievi salarju gross annwali ta' €28,000. Ir-rikorrent qal li huwa dejjem qeda d-dmirijiet tiegħu skont l-aħjar abbiltajiet tiegħu u fl-aħjar interess tal-prinċipal tiegħu. Żied jgħid li fis-7 ta' Lulju, 2021, huwa ġie msejjaħ għal laqgħa mid-diriġenti tas-soċjetà intimata, liema laqgħa kellha sservi bħala proċedura ta' dixxiplina minħabba allegata infrazzjoni da parti tiegħu, liema infrazzjoni r-rikorrent jiċħad u jikkontesta. Ir-rikorrent spjega li meta huwa daħal għal din il-laqgħa, talab li jkun assistit minn avukat, iżda Robert Fenech, wieħed mid-diriġenti tas-soċjetà intimata, wieġbu li dak mhux stazzjon tal-Pulizija, u li huwa kien qiegħed jitkeċċa mill-impjieg. Qal li f'dak il-mument huwa kellu jrodd lura l-*keycard* tiegħu, li biha kien jaċċedi għall-post tax-xogħol, u kien ukoll skortat 'il barra mill-post tax-xogħol. Qal li din it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta, u ma saritx għal raġuni tajba u skont il-liġi.

**Mertu**

3. Permezz tat-talbiet tiegħu lit-Tribunal, ir-rikorrent talab li jiġi ddikjarat li s-soċjetà intimata tterminatlu u keċċietu mill-impjieg inġustament u mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi, kif ukoll talab li jiġi ddikjarat li t-tkeċċija u t-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg huma inġusti u kontra l-liġi, u talab ukoll li jiġi likwidat kumpens xieraq u adegwat favur tiegħu, u li s-soċjetà intimata tiġi ordnata tħallas l-istess kumpens.

4. Quddiem it-Tribunal ġiet ippreżentata kopja tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent, li jinkludi l-*job description* tiegħu.

5. Is-soċjetà intimata wieġbet li r-rikorrent kien impjegat tagħha bħala *CAMO Technical Services Engineer,* u fis-7 ta' Lulju, 2021 kellu jsir *fire drill* fil-kumpless Smart City, fejn hemm l-uffiċċju tagħha. Qalet li l-impjegati tagħha ġew infurmati b'dan u bl-importanza tal-kooperazzjoni tagħhom, tenut kont tal-volum sinifikanti ta' nies fil-kumpless, u din l-informazzjoni ngħatat kemm verbalment kif ukoll bil-miktub. Qalet li fil-mument li beda l-*fire drill* in kwistjoni, ir-rikorrent irrifjuta li jikkoopera għaliex qal li ma ried isegwi l-ebda struzzjoni jekk ma tingħatalux bil-Malti, u għalhekk huwa ngħata twissija bil-miktub dwar dan. Qalet li d-direttur tar-riżorsi umani tkellem mar-rikorrent dwar il-problemi kontinwi relatati mal-prestazzjoni tiegħu, inkluż il-fatt li regolarment kien ikollu problemi mal-impjegati l-oħra, u li in vista tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni tiegħu f'dan il-*fire drill* kienu qegħdin jiġu kkontemplati passi dixxiplinarji kontra tiegħu. Qalet li kien għalhekk li saritlu proposta li huwa jirriżenja bil-kwiet dakinhar stess tas-7 ta' Lulju, 2021, u saret ukoll il-proposta li r-rikorrent jibqa' jirċievi l-paga

sal-aħħar tax-xahar u jingħata wkoll kumpens *ex gratia* ta' xahrejn paga. Qalet li r-rikorrent beda juri li kien qiegħed jaqbel ma' dan l-arranġament, tant hu hekk li rritorna l-*keycard* tiegħu u telaq mill-post tax-xogħol, filwaqt li l-ftehim ġie abbozzat u mibgħut lilu l-għada. Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li wara dan l-episodju, ir-rikorrent qata' kull komunikazzjoni minn magħha, ma baqax iwieġeb għall-*emails* u t-telefonati, kif ukoll wara diversi komunikazzjonijiet bejn l-avukati tal-partijiet dwar il-ftehim in kwistjoni, huwa ġie formalment interpellat li jekk ma xtaqx ikompli bil-proċess ta' ftehim bonarju kif oriġinarjament maqbul, kien liberu li jirritorna lura x-xogħol. Is-soċjetà intimata qalet li hija stenniet lir-rikorrent jirritorna fuq il-post tax-xogħol, iżda minflok ġiet iffaċċjata bis-sejħa biex tidher quddiem it-Tribunal, f'liema mument hija ġiet kostretta tissottometti l-formola tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kawża ta' abbandun tal-post tax-xogħol. Qalet li għalhekk ir-rikorrent m'għandu l-ebda dritt fil-fatt u fil-liġi sabiex jagħmel it-talba li huwa tkeċċa mill-impjieg inġustament, għaliex qatt ma kien hemm tkeċċija stante li kien ir-rikorrent li abbanduna l-post tax-xogħol b'mod volontarju. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li r-rikorrent lilha qatt ma seta' jżommha responsabbli għal tkeċċija inġusta għaliex huwa kien assenti mix-xogħol, għaliex hija prassi normali li impjegat jaqbel li jittermina l-impjieg tiegħu permezz ta' ftehim bonarju, ma jibqax jidħol għax-xogħol sakemm il-ftehim jiġi abbozzat u ffirmat. Is-soċjetà intimata qalet li fil-fatt il-ftehim ġie abbozzat kif maqbul, u r-rikorrent ġie kkuntattjat diversi drabi sabiex jiġi ffirmat il-ftehim li huwa kien wera li qiegħed jaqbel mal-kontenut tiegħu, u malli r-rikorrent beda juri li ma xtaqx iżjed jiffirma l-ftehim, huwa ntalab jirritorna lura għax-xogħol.

6. Is-soċjetà intimata ppreżentat xi dokumenti in sostenn tal-pożizzjoni li ħadet fir-risposta tagħha, fosthom kopja tal-*email* bi twissija bil-miktub li ntbagħtet lir-rikorrent fis-7 ta' Lulju, 2021, kif ukoll kopja tal-*letter of intent* abbozzata fit-8 ta' Lulju, 2021, li s-soċjetà intimata bagħtet lir-rikorrent għall-kunsens tiegħu.

7. Ir-rikorrent ippreżenta dikjarazzjoni ġuramentata fejn spjega li fis-7 ta' Lulju, 2021, huwa daħal għax-xogħol filgħodu b'mod normali. Qal li hekk kif daħal l-uffiċċju, huwa ġie msejjaħ minn Robert Fenech, l-*HR Manager* tiegħu, li informa lill-impjegati li fuq il-post tax-xogħol kien ser ikun hemm *fire drill.* Qal li Robert Fenech indirizza lill-impjegati bl-Ingliż, iżda huwa talab li l-istruzzjonijiet jingħatawlu bil-Malti. Qal li meta huwa insista li l-ispjega ssir bil-Malti, Robert Fenech għajru "miġnun" u indirizzah bil-Malti. Ir-rikorrent qal li din kienet ir-raġuni għalfejn huwa ntalab jattendi għal laqgħa dixxiplinarja. Qal ukoll li huwa attenda għal-laqgħa u stenna li jingħata twissija. Kien għalhekk li huwa għamel kuntatt mal-avukat tiegħu, li kien tah parir li ma jgħid xejn jekk ma jkunx assistit minn avukat. Qal li meta daħal għal-laqgħa, huwa talab li jkun assistit mill-avukat tiegħu, iżda Robert Fenech kien infurmah li dak mhux stazzjon tal-Pulizija, u kien f'dan il-punt li huwa tkeċċa mill-impjieg mill-istess *manager.* Qal li hekk kif intemmet il-laqgħa, huwa talab lil Robert Fenech itih l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg, iżda dan ma kkummenta xejn dwar dan, ħlief li qallu biex jieħu ħsieb jiġbor l-affarijiet tiegħu u wara eskortah lejn il-bieb prinċipali tal-kumpannija fl-istess sular. Qal li hekk kif kienu mexjin 'il barra, Fenech talbu jidħol fil-*board room* fejn beda jsemmilu *settlement agreement,* iżda huwa ma

kkummenta xejn dwar dan, u kien f'dak il-ħin li Fenech talbu ż-żewġ *security access cards* li huwa qabad u rritorna dak il-ħin stess.

8. Ir-rikorrent fid-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, spjega li dakinhar li seħħ l-inċident li wassal għat-tkeċċija tiegħu mill-post tax-xogħol, huwa ddeċieda li jieħu l-pożizzjoni li ladarba huwa ċittadin Malti u qiegħed f'Malta, huwa kellu jiġi indirizzat bil-lingwa Maltija. Ir-rikorrent qal li huwa m'għandux problema jifhem u jikkomunika bl-Ingliż, tant hu hekk li ċ-ċertifikazzjoni tiegħu hija kollha minn istituzzjonijiet edukattivi fl-Ingilterra, u huwa għandu l-professjoni ta' inġinier mekkaniku. Ir-rikorrent qal li meta ntalab jattendi għal laqgħa, huwa rrealizza li din kienet għal raġunijiet dixxiplinarji. Qal li kien hemm drabi oħra qabel meta ntużat il-kelma "miġnun" fil-konfront tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Qal li wara li huwa ssejjaħ biex jattendi għal laqgħa, huwa telaq u ma kompliex bil-ġurnata tax-xogħol.

9. **Robert Fenech** xehed quddiem it-Tribunal li huwa kien *Group Human Resources Director,* u r-raġuni għalfejn ir-rikorrent tkeċċa mix-xogħol kienet il-fatt li dan abbanduna l-post tax-xogħol. Qal li dakinhar li kellu jsir il-*fire drill,* il-ħaddiema kollha kienu ġew notifikati b'dan. Spjega li s-soċjetà intimata hija kumpannija internazzjonali, u għalhekk l-istruzzjonijiet ingħataw bl-Ingliż, iżda ir-rikorrent kien infurmah li jekk l-istruzzjonijiet ma jkunux bil-Malti, huwa ma ma kienx ser jobdieha. Qal li mbagħad saret proċedura dixxiplinarja, u kien ġie deċiż li r-rikorrent għandu jingħata ittra ta' twissija għaliex dak li seħħ ma kienx aċċettabbli. Qal li wara laqgħa li saret mar-rikorrent, il-partijiet ftehmu li kien ser jintlaħaq ftehim bonarju. Qal li t-twissija lir-rikorrent ħarġet dakinhar stess fis-7 ta' Lulju, 2021, għaliex ir-rikorrent ma segwiex l-istruzzjonijiet tal-*fire drill.*

Ix-xhud qal li r-rikorrent irrifjuta wkoll li jipparteċipa fil-*fire drill* u kien għalhekk li ngħata twissija. Ix-xhud spjega wkoll li din tal-*fire drill* kienet l-aħħar minn sensiela ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol li kien involut fihom ir-rikorrent.

## Id-Deċiżjoni Appellata

10. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Ottubru, 2022, it-Tribunal iddeċieda li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda tkeċċija mill-impjieg, u li kien ir-rikorrent li abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"L-Isfond tal-Każ***
>
> *Il-partijiet qablu li fis-7 ta' Lulju, 2021 saret laqgħa bejn l-esponent u diriġent tas-soċjetà, is-Sur Robert Fenech. Qablu wkoll illi l-laqgħa saret wara li s-Sur Micallef oġġezzjona li jobdi direttiva li ħarġet is-soċjetà għall-impjegati tagħha biex jipparteċipaw* f'fire drill. *L-oġġezzjoni saret għaliex id-direttiva ħarġet bl-ilsien Ingliż. Peress illi s-soċjetà qieset illi tali oġġezzjoni kisret il-*Code of Ethics, Business Conduct, *u l-*OHS Policy *tas-soċjetà, ħarġet* written warning *lill-esponent. (fn. 1 Klawsola 7 tal-kuntratt tal-impjieg tgħid illi, "*the Employee shall abide by the policies set forth by the Employer and in addition thereto shall also abide by the confidentiality provisions of the law and those stated by the Employer's policy. It is stipulated for the avoidance of doubt that any breach of the obligations imposed thereby shall be deemed to be sufficient grounds for summary dismissal."
>
> *Is-soċjetà ssostni li dik l-oġġezzjoni ma kinitx l-unika problema li kellha bl-imġiba tal-esponent, u għalhekk iddeċidiet illi tipprova tagħmel* settlement agreement *mal-esponent.*
>
> *Is-Sur Fenech xehed illi tali ftehim intlaħaq waqt il-laqgħa tas-7 ta' Lulju, 2021. (fn. 2 Paġna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Frar, 2022)*
>
> *Il-għada tal-istess laqgħa s-soċjetà bagħtet abbozz ta' ftehim lis-Sur Micallef. (fn. 3 Dok. B) L-esponent qatt ma rrisponda lis-soċjetà, lanqas meta s-soċjetà bagħtitlu*

*email (fn. 4 dok. Ċ) u ċemplitlu. L-esponent ikkonferma li rċieva l-abbozz u li ma bagħatx risposta.*

*Minn meta rċieva l-abbozz, il-komunikazzjoni bejn is-soċjetà u s-Sur Micallef kienet biss bejn l-avukati taż-żewġ naħat.*

*Tali komunikazzjoni rriżultat f'illi s-soċjetà żammet lill-esponent fuq il-kotba tagħha.*

*Fil-10 ta' Settembru, 2021, l-avukat tas-soċjetà saqsa lill-avukat tas-Sur Micallef jekk l-esponent kienx se jmur lura għax-xogħol u talbu wkoll biex iwieġbu sa mhux aktar tard mill-14 ta' Settembru, 2021. Is-soċjetà ċċarat illi jekk is-Sur Micallef jirrifjuta li jerġa' lura għax-xogħol jista' jirriżenja; jekk ma jirriżenjax is-soċjetà ma tkun tista' tagħmel xejn ħlief illi ttemmlu l-impjieg għaliex tkun tqis lill-esponent illi abbanduna l-impjieg.*

*Is-soċjetà baqgħet ma semgħetx xi ħsieb kellu s-Sur Micallef rigward jekk kienx se jmur lura għax-xogħol. L-aħħar illi l-esponent mar għax-xogħol kien fis-7 ta' Lulju, 2021.*

*Fil-bidu ta' Novembru 2021, is-soċjetà rċeviet mingħand it-Tribunal il-kopja tal-att illi bih l-esponent talab lit-Tribunal li dik illi huwa qies bħala kwistjoni tax-xogħol tiġi ttrattata u deċiża mill-istess Tribunal. Hawnhekk is-soċjetà tterminat l-impjieg tas-Sur Micallef minħabba li fl-opinjoni tagħha l-esponent abbanduna l-impjieg.*

***<u>Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>***

1. *Is-Sur Fenech xehed konsistentement illi fil-laqgħa tas-7 ta' Lulju, 2021 is-Sur Micallef kien aċċetta s-*settlement agreement (*fn. 5 L-abbozz tas-*settlement agreement *huwa dok. B);*

2. *Għall-kuntrarju x-xhieda li ta s-Sur Micallef kienet dubjuża għall-aħħar. F'mument minnhom xehed illi waqt il-laqgħa tas-7 ta' Lulju, 2021 id-deċiżjoni kienet illi huwa jitkeċċa. (fn. 6 Paġna 29 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Frar, 2022) iżda meta l-avukat illi assista lis-soċjetà, Dott. Patrick Farrugia, staqsieh jekk qabilx mas-*settlement agreement *l-esponent wieġeb illi ma setax jirrispondi. (fn. 7 Paġna 37 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Frar, 2022) U għall-mistoqsija taċ-Chairman tat-Tribunal dwar x'kien qal l-esponent lis-Sur Fenech rigward is-*settlement agreement *is-Sur Micallef wieġeb,* "L-uniku kumment illi għamilt huwa ... la iva u lanqas le. Dawk il-kliem ma ntqalux ..." *(fn. 8 Paġna 38 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Frar, 2022). Tali xhieda tal-esponent mhix attendibbli;*

3. *Is-soċjetà tgħid (fn. 9 Dikjarazzjoni tal-każ, punt numru 5) illi l-esponent wera li qabel mal-arranġament li jidher f'Dok. B peress illi rritorna l-*key card *tiegħu u*

*telaq mill-post tax-xogħol. Għat-Tribunal dan ma jippruvax illi l-esponent qabel mal-arranġament u lanqas illi ma qabilx.*

4. *Fin-nuqqas ta' prova li l-esponent tkeċċa t-Tribunal għandu, qabel ma jagħti konjizzjoni ulterjuri għall-kwistjoni odjerna, jistabbilixxi jekk l-esponent, is-Sur Jesmond Micallef, tkeċċiex jew le.*
5. *L-abbozz tas-*settlement agreement *isemmi* "termination" *tal-impjieg. Imkien ma jsemmi n-natura tat-*termination *u ċioe jekk kellhiex tkun tkeċċija, riżenja, jew sensja. Isemmi* "loss of office" *– li mhux bilfors tfisser tkeċċija – f'kuntest ta' ġustifikazzjoni għal pagament* ex gratia *mis-soċjetà lill-esponent. Madankollu d-dikjarazzjoni tal-każ magħmula mis-soċjetà tgħid illi l-ftehim bonarju sar bil-ħsieb illi l-esponent jirriżenja.*
6. *Minnu nnifsu,* settlement agreement *huwa ftehim bonarju u huwa naturali li jekk jintlaħaq, l-ebda impjegat mhu se jaċċeta li r-raġuni tat-tmiem tal-impjieg tkun waħda ta' tkeċċija.*
7. *Fil-każ* Folkestone Nursing Home Limited vs Patel, *l-Employment Appeal Tribunal (UK) iddelibera li deċiżjoni meħuda ta' tkeċċija liema deċiżjoni tkun revokata mill-istess* employer *ma tikkostitwixxix tkeċċija.*
8. *Fil-każ odjern, fejn mhux talli ma kienx hemm tkeċċija iżda talli lanqas imkien ma tidher deċiżjoni inekwivokabbli ta' tkeċċija, aktar u aktar ma hemmx lok għal kwistjoni tax-xogħol minħabba tkeċċija.*
9. *Iżda anki jekk id-deċiżjoni tas-soċjetà kienet waħda ta' tkeċċija, il-fatt mhux kontestat illi s-soċjetà żammet lill-esponent fuq il-kotba tagħha, u l-fatt illi bagħtet tistaqsih permezz tal-avukat tiegħu jekk hux se jmur lura għax-xogħol (fn. 10 Paġna 40 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-24 ta' Frar, 2021 – xhieda tal-esponent) jikkonferma li tkeċċija effettiva żgur illi ma seħħitx. (fn. 11 dok. D, illi hija email mingħand l-Avukat Patrick Farrugia, f'isem is-soċjetà, lill-Avukat Mark Simiana, l-avukat tal-esponent, jgħid illi l-esponent "*is still currently officially unemployed".

***<u>Deċiżjoni</u>***

*Għalhekk it-Tribunal, wara li fela d-dikjarazzjonijiet tal-każ, it-testimonjanza, id-dokumentazzjoni, u t-trattazzjonijiet finali jaqta' u jiddeċiedi li t-tmiem tal-impjieg tal-esponent kien għar-raġuni li s-Sur Micallef abbanduna l-impjieg. La ma kienx hemm tkeċċija ma jistax ikun hemm kwistjoni tax-xogħol abbażi ta' tkeċċija.*

*Ir-raġunijiet tal-ilment mhumiex ibbażati tajjeb peress illi ma seħħitx tkeċċija u għalhekk it-Tribunal, fid-dawl tal-Artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta mhux*

*se jagħti aktar konjizzjoni ta' dil-kwistjoni ta' xogħol għaliex eżawrixxa l-ġurisdizzjoni tiegħu."*

## L-Appell

11. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni fil-11 ta' Ottubru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell tiegħu billi tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni tat-Tribunal tas-6 ta' Ottubru, 2022, u minflok tgħaddi biex tilqa' t-talbiet kollha tiegħu.

12. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal għamel żball ta' dritt meta għadda biex jagħti piż lill-fatt li skont l-appellata huwa kien aċċetta s-*settlement agreement,* u dan għaliex il-partijiet riedu jassoġġettaw il-ftehim għall-kitba, u ma jitqies li hemm l-ebda ftehim jekk dik il-kitba ma sseħħx. Qal li l-pern tal-każ odjern huwa jekk l-appellant tkeċċiex mill-impjieg jew inkella jekk huwa telaqx minn jeddu. Spjega li fis-7 ta' Lulju, 2021, is-soċjetà appellata ħarġet direttiva dwar *fire drill* li kellu jsir fuq il-post tax-xogħol, u huwa ħass li kellu joġġezzjona għaliex id-direttiva ġiet ippubblikata esklussivament fl-ilsien Ingliż. Qal li minħabba f'din l-oġġezzjoni, is-soċjetà appellata talbitu jattendi laqgħa, li matulha ġiet diskussa l-possibilità ta' tranżazzjoni. L-appellant qal li skont Robert Fenech, huwa kien aċċetta s-*settlement agreement,* imma l-appellant qal li huwa kien mifxul bil-fatt li s-soċjetà appellata riedet tkeċċih, u għalhekk ma kkommettiex ruħhu. Qal li t-Tribunal fl-apprezzament tal-provi mwettaq minnu, wasal għall-konklużjoni li kellu joqgħod fuq ix-xhieda ta' Robert Fenech, u għalkemm huwa ma jaqbilx mal-apprezzament li sar. Huwa jagħraf ukoll li dak l-apprezzament ma jistax jiġi disturbat f'din l-istanza, għaliex il-kompetenza ta' din il-Qorti testendi biss għal appell fuq punt ta' liġi. Qal li mill-

istess apprezzament tal-provi, jirriżulta li dakinhar li spiċċat il-laqgħa, ma kien iffirmat l-ebda *settlement agreement,* anzi l-intendiment kien li dan l-*agreement* kien għad irid jiġi abbozzat. Qal li dan għalhekk ifisser li dan l-*agreement* ma kellux jitqies li jorbot lill-partijiet, sakemm ma jkunx ġie debitament miktub u ffirmat minnhom. L-appellant qal li dan is-*settlement agreement* ma kien xejn għajr tranżazzjoni, li skont l-artikolu 1233(1) tal-Kodiċi Ċivili jrid isir bil-kitba *ad validitatem.* Qal li minn dan isegwi għalhekk li t-Tribunal inkorra fi żball ta' dritt meta għadda biex jagħti piż lix-xhieda li l-appellant kien aċċetta s-*settlement agreement,* għaliex ladarba dan kellu jsir bil-miktub u baqa' qatt ma sar, dan kellu jfisser li ma kien hemm ebda aċċettazzjoni tiegħu. L-appellant qal ukoll li konsegwenza ta' dan, it-Tribunal żbalja fil-konklużjoni tiegħu li l-appellant aċċetta t-terminazzjoni offruta mis-soċjetà appellata, u li ġiet konkretizzata b'effett immedjat dakinhar hekk kif intemmet il-laqgħa bejn Fenech u l-appellant.

13. L-appellant qal li t-Tribunal osserva kif l-inċident tas-7 ta' Lulju, 2021 ma kienx l-unika darba li s-soċjetà appellata kellha problema bl-imġiba tiegħu, u għalhekk għandu jkun evidenti li l-appellata riedet it-terminazzjoni tal-imjieg tiegħu, u li ma kienx l-appellant li ried li jieqaf mix-xogħol. Qal li għalhekk huwa daqstant evidenti li s-*settlement agreement* kien qed jiġi impost mis-soċjetà appellata, li jfisser li l-appellant ma rritornax lura fuq il-post tax-xogħol għaliex is-soċjetà appellata ma riditux lura, kif jirriżulta mill-fatt li huwa ntalab irodd lura l-*access cards* u b'hekk itteħidlu l-mezz biex jidħol fil-post tax-xogħol liberament kif kien jagħmel dejjem.

14. It-tieni aggravju imressaq mill-appellant huwa li t-Tribunal għamel żball ta' dritt meta kkonkluda li s-soċjetà appellata kellha l-jedd li tirrevoka d-deċiżjoni tat-tkeċċija tagħha, bil-konsegwenzjali obbligu fuq l-appellant li jirritorna għax-xogħol. L-appellant qal li t-Tribunal donnu li kien influwenzat minn ġurisprudenza u kittieba Ingliżi fil-ħsieb tiegħu, iżda qal li fil-każ odjern, it-terminazzjoni imposta mis-soċjetà appellata ma kinitx xi ħaġa li ġrat fis-saħna tal-mument, iżda ġiet effettivament issiġillata bit-teħid tal-*access card* tiegħu u bil-fatt li huwa ġie eskortat 'il barra mill-post tax-xogħol. Qal li s-soċjetà appellata riedet it-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg, u din id-deċiżjoni tat-terminazzjoni ma kinitx "revokata" ħlief ferm wara l-laqgħa tas-7 ta' Lulju, 2021, jiġifieri wara li l-appellant mar għand avukat u kkontesta t-tkeċċija tiegħu. L-appellant qal li kuntratt ta' imjieg, bħal kull kuntratt bilaterali ieħor, huwa kuntratt li jsir bil-kunsens taż-żewġ partijiet, u meta kuntratt bħal dan jiġi tterminat minn parti waħda, ma jistax jinġieb fis-seħħ mill-ġdid jekk mhux bil-kunsens taż-żewġ partijiet.

15. L-appellant qal li r-rimedju tar-*reinstatement* ma jistax jingħata jekk ma jintalabx mill-impjegat innifsu, u għalhekk ma jistax il-prinċipal jgħaddi għar-*reinstatement* tal-impjegat kontra l-volontà tal-impjegat li jkun tkeċċa. Qal li għalhekk il-konklużjoni tat-Tribunal li s-soċjetà appellata "rrevokat" id-deċiżjoni tagħha ta' tkeċċija u żammitu fuq il-kotba tagħha, u bdiet titolbu jirritorna x-xogħol, hija konklużjoni erronja u frott ta' żball ta' dritt li wasslu biex huwa jkun imċaħħad kompletament mid-drittijiet tiegħu skont il-liġi. L-appellant qal li għalhekk l-appell tiegħu jistħoqqlu jintlaqa', filwaqt li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi revokata.

**Ir-Risposta tal-Appell**

16. Is-soċjetà appellata wieġbet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija korretta u timmerita konferma. In linea preliminari, is-soċjetà appellata eċċepiet li l-appell tal-appellant huwa null għaliex mhuwiex ibbażat fuq punt ta' liġi. Spjegat li fil-każ odjern l-aggravju prinċipali tal-appellant huwa li ma jaqbilx mal-apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal sabiex jiddetermina jekk it-terminazzjoni tal-impjieg kinitx waħda ta' tkeċċija jew ta' abbandun tal-impjieg, u qalet li għalhekk l-appell mhux ibbażat fuq punt ta' liġi. Kompliet tgħid li ma jirriżultax lanqas li l-aggravju tal-appellant jirrigwarda kwistjoni ta' applikazzjoni skorretta tal-liġi li ġiet invokata fid-deċiżjoni tat-Tribunal, u lanqas ma jista' jingħad li hemm apprezzament skorrett ta' dispożizzjoni legali. Qalet li t-Tribunal, wara d-deliberazzjoni tiegħu, ikkonkluda li ma ġiet ippruvata l-ebda tkeċċija tal-appellant mill-impjieg, u l-konklużjoni ovvja li wasal għaliha t-Tribunal kienet li l-appellant abbanduna l-post tal-impjieg tiegħu. L-appellata qalet li għalhekk huwa loġiku li jingħad li l-appell in kwistjoni huwa msejjes fuq punt ta' fatt u mhux fuq punt ta' dritt.

17. Is-soċjetà appellata qalet li hija taqbel mal-appellant li fil-fatt is-*settlement agreement* qatt ma ġie ffirmat bejn il-partijiet, iżda qalet li l-partijiet qablu li jiffirmaw *settlement agreement* minħabba nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq il-post tax-xogħol, u l-appellant qabel li jiffirma, tant hu hekk li l-ftehim ġie abbozzat u mibgħut lill-appellant l-għada stess. Qalet li l-appellant mar id-dar minflok baqa' fuq il-post tax-xogħol sakemm din it-tranżazzjoni tiġi ffinalizzata, għaliex din hija prassi komuni ħafna f'dawn it-tip ta' negozjati fuq il-post tax-xogħol, anki sabiex tiġi evitata tensjoni żejda bejn l-impjegat u min

iħaddmu. Is-soċjetà appellata qalet li hija ressqet provi li saru diversi *reminders* u telefonati lill-appellant mid-dipartiment tar-riżorsi umani tagħha, liema *reminders* ġew ilkoll injorati minnu, sakemm eventwalment s-soċjetà appellata irċeviet telefonata mingħand l-avukat tal-appellant, li akkużahom bi tkeċċija inġusta. Is-soċjetà appellata qalet li kien f'dan il-punt li hija rrealizzat li l-appellant ma kellu l-ebda interess ikompli bit-tranżazzjoni amikevoli li kienu qablu fuqha l-partijiet, u huma talbuh jirritorna lura għax-xogħol għaliex huwa kien għadu fuq il-kotba tal-kumpannija, iżda kien l-appellat li ddeċieda li ma jirritornax, u b'hekk effettivament dan abbanduna l-impjieg tiegħu. Qalet li mhux minnu li l-fatt li hija ppreżentat *settlement agreement* lill-appellant, huwa turija tal-intenzjoni tagħha li tkeċċieh mill-impjieg. Is-soċjetà appellata qalet li fil-każ odjern it-Tribunal ma sab l-ebda diffikultà jikkonkludi li dan huwa każ ta' abbandun ta' impjieg, għaliex ix-xhieda li ta l-appellant, meta mwieżna mal-kontro-eżami tiegħu, żvelat numru ta' inkonsistenzi, inċertezzi u anki gideb meta l-appellant intalab jispjega ċerti punti f'aktar dettall.

18. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li l-appellant ipprova jdawwar il-kliem tat-Tribunal meta rrefera għall-paragrafu 7 tad-deċiżjoni, u ta l-impressjoni li t-Tribunal aċċetta li kien hemm deċiżjoni ta' tkeċċija li ġiet revokata, iżda qalet li l-appellant naqas li jieħu konjizzjoni tal-paragrafu sussegwenti, fejn jingħad li mhux talli ma kienx hemm tkeċċija, iżda talli lanqas imkien ma tidher deċiżjoni inekwivokabbli ta' tkeċċija.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

19. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-

deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mis-soċjetà appellata. Il-Qorti tibda billi tqis li l-aggravji mressqa mill-appellant huma it-tnejn li huma ibbażati fuq punti ta' dritt li ngħataw interpretazzjoni mit-Tribunal, u għalhekk qegħda tiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà appellata li l-appell huwa null għaliex ibbażat fuq punti ta' fatt. Huwa minnu li biex jikkontesta l-inġustizzja li jemmen li sofra, l-appellant jagħmel riferiment għaċ-ċirkostanzi fattwali li wasslu għall-proċeduri odjerni, imma b'daqshekk ma jfissirx li din il-Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tal-appell.

*L-ewwel aggravju:* *aċċettazzjoni tas-*settlement agreement

20. L-appellant qal li t-Tribunal ikkonkluda li huwa aċċetta s-*settlement agreement* propost mis-soċjetà appellata, allavolja bħala stat ta' fatt jirriżulta li huwa ma ffirmax il-ftehim propost. Qal li meta t-Tribunal ikkonkluda li huwa kien aċċetta dak propost mis-soċjetà appellata, dan għamel żball ta' dritt, fejn iddeċieda li ma kienx hemm tkeċċija mill-impjieg, imma li kien l-appellant li abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu.

21. Il-Qorti tqis li meta l-appellant issejjaħ għal-laqgħa fis-7 ta' Lulju, 2021, ftit sigħat biss wara li huwa kien irrifjuta li jattendi għall-*fire drill* organizzat mis-soċjetà appellata, l-appellant kien mifxul, u minkejja li waqt din il-laqgħa ssemma s-*settlement agreement* minn esponenti tas-soċjetà appellata, fil-fatt dakinhar ma ġie ffirmat l-ebda ftehim, u l-partijiet baqgħu li s-soċjetà appellata kellha tabbozza dan il-ftehim u wara tieħu ħsieb tibagħtu lill-appellant għall-firma tiegħu. Jirriżulta wkoll li minkejja li dan il-ftehim intbagħat lill-appellant, dan naqas li jiffirmah jew li jissenjala qbil ma' dak propost, u għalhekk ċertament

ma jistax jintgħad li l-appellant aċċetta dak propost mis-soċjetà appellata fl-imsemmi abbozz. Fil-fatt dak li kien qiegħed jiġi propost mis-soċjetà appellata jammonta għal ftehim bonarju, jew tranżazzjoni, u għalhekk jinkwadra perfettament f'dak li jikkontempla l-artikolu 1233(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid li ftehim bħal dan irid jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet sabiex jitqies li huwa validu. Il-fatt li l-appellant naqas li jiffirma l-abbozz u li jissenjala l-qbil tiegħu ma' dak propost mis-soċjetà appellata, m'għandu jingħata l-ebda tifsira jew interpretazzjoni oħra għajr li l-appellant la kien qiegħed jaqbel u lanqas juri diżapprovazzjoni għal dak propost. Jirriżulta mill-provi li l-appellant iddelega kull komunikazzjoni mal-kumpannija li kienet timpjegah lill-avukat tal-fiduċja tiegħu, u rrifjuta li jwieġeb kull darba li sar tentattiv ta' komunikazzjoni mis-soċjetà appellata. Imbagħad erba' xhur wara li rċieva l-imsemmi abbozz ta' ftehim, l-appellant istitwixxa l-proċeduri quddiem it-Tribunal. In vista tal-mod kif seħħew iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-proċeduri odjerni, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, għaliex mill-provi ma jirriżultax li huwa ffirma s-*settlement agreement* propost, jew b'xi mod wera li qiegħed jaqbel miegħu.

*It-tieni aggravju:* *revoka tad-deċiżjoni ta' tkeċċija*

22. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li t-Tribunal kien żbaljat ukoll meta qies li s-soċjetà appellata setgħet tirrevoka d-deċiżjoni ta' tkeċċija tagħha, bil-konsegwenzjali obbligu fuqu li jirritorna lura għax-xogħol.

23. Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li esponenti tas-soċjetà appellata, waqt il-laqgħa tas-7 ta' Lulju, 2021 iddiskutew mal-appellant il-possibilità li huwa "jirriżenja bil-kwiet", u kien fl-ambitu ta' dawn it-trattattivi li bejn il-partijiet kien

hemm qbil li kellu jiġi abbozzat *settlement agreement.* Madanakollu l-appellant jidher li ma qabilx mal-kontenut tal-abbozz, tant hu hekk li irrifjuta li jiffirmah, u ħalla l-komunikazzjoni u l-korrispondenza kollha mas-soċjetà appellata f'idejn l-avukat tal-fiduċja tiegħu. Dakinhar li seħħew iċ-ċirkostanzi li wasslu lill-appellant sabiex 'jitlaq' mill-impjieg tiegħu, l-appellant intalab jirritorna ċ-ċwievet u kull mezz ta' aċċess liberu għall-uffiċini tas-soċjetà appellata, u mill-provi jirriżulta wkoll li huwa ġie eskortat 'il barra mill-uffiċini tal-kumpannija. L-aġir tal-esponenti tas-soċjetà appellata, ma kellu jħalli l-ebda dubju f'moħħ l-appellant, u f'moħħ kull min kien qiegħed isegwi dak li seħħ, li huwa fil-fatt kien qiegħed jiġi mkeċċi mill-impjieg, anki billi ġie umiljat quddiem sħabu tal-uffiċċju, billi tteħidlu kull mezz ta' aċċess għall-uffiċini tal-kumpannija u billi ġie eskortat 'il barra. Impjegat li jibqa' jgawdi l-fiduċja ta' min iħaddmu u li jitħalla fuq il-kotba tal-kumpannija, la jintalab irodd iċ-ċwievet u lanqas ma jiġi mġiegħel isofri l-indinjità li jiġi eskortat 'il barra mill-post tax-xogħol tiegħu, li kieku mhux għaliex is-soċjetà appellata riedet tgħaddi l-messaġġ li l-appellant kien tilef il-fiduċja ta' min iħaddmu.

24. Fil-fehma tal-Qorti, it-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li kien biss wara li nbdew il-proċeduri quddiemu li s-soċjetà appellata kienet kostretta tittermina l-impjieg tal-appellant, għaliex l-imġiba li ntweriet minn esponenti tas-soċjetà appellata waqt il-laqgħa tas-7 ta' Lulju, 2021 kienet maħsuba biex ma tħalli l-ebda dubju f'moħħ l-appellant li huwa fil-fatt kien qiegħed jitkeċċa mill-impjieg, tant hu hekk li ntalab jitlaq "bil-kwiet" minflok jitkeċċa. Ma hemm xejn fil-provi li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti li s-soċjetà appellata f'xi ħin riedet lill-appellant jirritorna lura għax-xogħol, jew li dan kien ser ikun milqugħ f'każ li

jirritorna lura. Mhux minnu lanqas li s-soċjetà appellata setgħet f'xi ħin tirrevoka d-deċiżjoni tagħha ta' tkeċċija b'mod unilaterali. Minn dan isegwi li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li l-appellant abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu, anzi mill-provi jirriżulta li huwa tkeċċa mill-impjieg. Il-Qorti għalhekk tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu.

25. Il-Qorti f'dan l-istadju qegħda tastjeni milli tidħol fil-mertu tal-kwistjoni ta' jekk it-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg kinitx ġustifikata jew le, u għalhekk qegħda tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex dan wara li jevalwa l-provi, jiddeċiedi jekk it-tkeċċija tal-appellant kinitx ġusta jew le, u f'każ li jsib li t-tkeċċija ma kinitx waħda ġusta, jagħti rimedju xieraq lill-appellant.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqgħu, filwaqt li tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex dan jiddeċiedi jekk it-tkeċċija in kwistjoni kinitx waħda ġusta jew le, u jekk fl-affermattiv jipprovdi rimedju xieraq lill-appellant.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**